

# SE TIVVJAĠĠA U GĦANDEK IL-ĦSIEB LI TIKRI VETTURA?

DR RODERICK AQUILINA
Kordinatur tac-Centru Ewropew tal-Konsumaturi ta' Malta

Li tivvjaġġa permezz ta' vettura fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jitqies bħala wieħed mill-aktar modi prattiċi u konvenjenti. Hemm diversi kumpaniji madwar l-Ewropa li joffru s-servizz ta' kiri tal-vetturi u għalhekk huwa importanti li qabel ma nibbukkjaw ma' kumpanija partikolari naraw eżatt xi jkun qed jinkludi l-prezz kkwotat. Bħala konsumaturi m'għandniex nistrieħu fuq il-prezz biss imma għandna niflu bir-reqqa t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kumpanija.



Bħala Ċentru Ewropew tal-Konsumatur f'Malta nirċievu ammont sostanzjali ta' lmenti relatati ma' kiri ta' vetturi. L-ilmenti jvarjaw minn ħlasijiet eċċessivi ta' ħsara, assigurazzjoni, kontravenzjonijiet u polza tal-fjuwil. Meta tikri vettura, int intitolat għal: informazzjoni ċara dwar il-kirja qabel ma' tikri; kuntratt ġust; u ebda diskriminazzjoni.

Żomm f'moħħok li l-kiri tal-karozzi mhuwiex kopert mill-perjodu ta' 14-il jum fejn wieħed ikun jista' jirtira mill-kuntratt mingħajr ebda obbligazzjoni, magħruf bħala l-perjodu ta' rtirar jew cooling-off period. Dan ifisser li inti bħala konsumatur m'għandekx id-dritt awtomatiku li tikkanċella l-kuntratt u titlob rifużjoni. Għalhekk huwa importanti li taqra bir-reqqa t-termini u l-kundizzjonijiet qabel ma tibbukkja l-vettura mal-kumpanija partikolari.

Xi konsumaturi jkollhom diffikultà jekk għandhomx jibbukkjaw minn pjattaforma li forsi tkun qed toffri prezzijiet orħos. M'hemm xejn ħażin li wieħed jibbukkja minn pjattaforma, però wieħed għandu jkun jaf id-differenzi li jeżistu. Żomm f'moħħok li jekk tkun akkwistajt assigurazzjoni minn pjattaforma, xorta waħda trid tħalli l-ammont awtorizzat minn qabel għall-eċċess f'każ ta' xi danni lill-vettura skont it-termini u l-kundizzjonijiet. Dan l-ammont ikun miżmum mill-karta ta' kreditu tiegħek u għalkemm ikun għadu jidher fuq il-kont tiegħek ma tkunx tista' tagħmel użu minnu sakemm il-kumpanija tirrilaxxa dan l-ammont. Dan l-ammont ivarja skont it-tip ta' vettura u jkun imniżżel fit-termini u kundizzjonijiet. F'każ li inti ma tkunx għamilt l-ebda danni lill-vettura, normalment il-kumpaniji jirrilaxxaw l-ammont fi żmien tmienja u erbgħin siegħa wara li tirritorna l-vettura.

## L-istadju inizjali

Qabel ma tikri vettura fi stat membru ieħor, iċċekkja jekk il-liċenzja tas-sewqan tiegħek hijiex valida. Jekk għandek ħsieb li taqsam il-fruntiera u tivvjaġġa bil-vettura f'pajjiżi oħra, jeħtieġ li tinforma lill-kumpanija tal-kiri minn qabel. Mhux il-kumpaniji kollha jaċċettaw li inti tkun tista' tivvjaġġa bil-vettura f'pajjiżi oħra. Apparti li tinforma lill-kumpanija, kun ċert mid-dokumentazzjoni tal-vettura; li inti kopert mill-assigurazzjoni; u li taf ir-regoli tat-traffiku għax nnuqqas ta' għarfien tal-liġi ma tista' qatt tintuża bħala skuża għal ksur ta' xi regolament.

Għalhekk huwa importanti li taqra bir-reqqa t-termini u l-kundizzjonijiet li għandhom jinkludu d-dettalji neċessarji kollha matul il-perjodu tal-kirja. Żomm f'moħħok li l-prezz ikkwotat onlajn normalment ikun dak bażiku, u ma jkunx jinkludi spejjeż addizzjonali bħall-ħlasijiet relatati mas-servizz ta' fjuwil, tariffi tal-ajruport, sewwieqa addizzjonali jew sewwieqa taħt ċertu età (normalment din tkun ta' taħt il-ħamsa u għoxrin sena).

Ħafna mill-kumpaniji joffru polza ta' assigurazzjoni addizzjonali. Jekk inti turi interess li takkwista din il-polza, il-kumpanija għandha tipprovdik b'deskrizzjoni ddettaljata ta' dak kollu li hu kopert qabel ma tiffirma l-kuntratt. Permezz ta' din il-polza, normalment ma jkollokx għalfejn tħalli l-ebda ammont fuq il-karta ta' kreditu tiegħek u tkun assigurat għal kwalunkwe danni li għamilt lill-vettura, sakemm ma tkunx ksirt xi regolamenti tat-traffiku bħal ngħidu aħna soqt il-vettura taħt l-effett tal-alkoħol. L-assigurazzjoni ma tkoprikx ukoll f'każ ta' kontravenzjonijiet, normalment il-kumpanija iżomm madwar mitejn ewro mill-karta ta' kreditu tiegħek li jiġu rilaxxati wara li tkun irritornajt il-vettura mingħajr l-ebda ħsara.

Kun ċert liema polza tal-fjuwil tkun għażilt. Normalment il-kumpaniji joffru tliet għażliet: tank mimli tirritornah vojt; tank mimli tirritornah mimli; jew tħallas għall-fjuwil li tuża'. L-iktar għażla komuni hija meta t-tank tal-vettura jkun mimli u tirritornah mimli. Ġieli jkun hemm sitwazzjonijiet fejn minkejja li tkun għażilt li tiġbor il-vettura mimlija, din ma tkunx mimlija kollha kif miftiehem. F'dan il-każ, kun ċert li r-rappreżentant tal-kumpanija jimmarka eżatt l-ammont ta' fjuwil li fiha l-vettura fuq il-lista speċjali, qabel ma titlaq bil-vettura biex tibda l-vaganza tiegħek.

## Il-ġbir tal-vettura

Kun żgur li l-vettura tal-kiri tkun f'kundizzjoni tajba qabel ma titlaq mill-post, li normalment ikun f'żona riservata għall-kumpanija fil-parkeġġ tal-ajruport. Iċċekkja l-vettura bir-reqqa flimkien mal-impjegat tal-kumpanija tal-kiri. F'każ li l-vettura jkollha xi tip ta' difett bħal għafsa jew girfa żgħira, iġbdu l-attenzjoni tal-impjegat u kunu ċerti li kull tip ta' difett ġie mmarkat fuq id-dijagramm jew il-lista ta' kontroll pprovduta mill-istess kumpanija. Wieħed m'għandux iħalli l-post qabel ma l-impjegat jiffirma fuq id-dijagramm jew il-lista ta' kontroll.

Importanti ħafna li meta tkun qed issuq ikollok ittagħmir meħtieġ biex jinbidel tajer, kif ukoll is-sin-